

Brussell, 9 ta' Lulju 2020
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2020/0089(NLE)
2020/0088(NLE)

8355/20
ADD 1

WTO 87
AGRI 153
COASI 49
PI 43

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8354/20 + ADD 1, 8357/20 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta mal-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom -Adozzjoni u Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta mal-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom -Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvezja

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvezja jappoġġaw il-konklużjoni ta' ftehim bilaterali maċ-Ċina dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli, inbejjed u spirti. Il-Belġju, id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvezja japprezzaw il-progress li sar fit-titjib tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali maċ-Ċina fir-rigward ta' prodotti agrikoli, inbejjed u spirti.

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvezja nnotaw bi tħassib madankollu li l-abbozz ta' ftehim jista' jinqara bħala li jimplika li fil-futur, il-leġiżlazzjoni tal-UE li tipproteġi indikazzjonijiet ġeografiċi tista' tiġi estiża fil-kamp ta' applikazzjoni għall-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti mhux agrikoli u għalhekk jenfasizzaw li ftehimiet internazzjonali li jipproteġu ċerti indikazzjonijiet ġeografiċi ma jistgħu jantiċipaw jew jippreġudikaw l-ebda deċiżjoni fir-rigward tal-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan ir-rigward.
